MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 178/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Grogan**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Grogan talli bejn l-1 ta’ Mejju 2011 u l-1 ta’ Gunju 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil martu Nadienne Grogan u/jew lil uliedu s- somma ffissata minn xi Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Marzu 2012 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Emanuel Grogan hati u kkundannatu gimgha detenzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Emanuel Groganipprezentat fit-2 ta’ April 2012 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (i) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena, jew fin-nuqqas u minghjar preguduzzju ghall-ewwel talba hawn imressqa (ii) tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn gie misjub hati, thassarha in rigward tal-piena inflitta u tapplika minflok piena ohra aktar kompatibbli mac-cirkostanzi tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma kellhiex l-elementi ta’ prova rikjesti biex jiggustifikaw is-sejbien ta’ htija; (2) li, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena nflitta kienet eccessiva.

**6.** Issa, fis-seduta tallum stess l-appellant ghamel il-pagament opportun lill-mara tieghu u, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**7.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tmienja u hamsin euro (€58), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------